**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 3/2017 AF**

**Av. Mark Vassallo bhala Prokuratur Specjali tal-assenti Gernot Knoess (li ghandu numru tal-Passaport Germaniz: C4VNZ6PH3)**

**u**

**M. Architecture Limited (C-30595)**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**u**

**Registratur tal-Qorti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-Av. Mark Vassallo bhala Prokuratur Specjali tal-assenti Gernot Knoess u M. Architecture Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-Av. Mark Vassallo hu awtorizzat biex jidher minflok Gernot Knoess, li hu assenti minn Malta u jirrisjedi l-Italja kif jidher mill-prokura mmarkata bhala 'Exhibit 1'.

Il-fuq imsemmi Gernot Knoess (ir-rikorrent) huwa persuna ta' nazzjonalità Ġermaniża u għandu l-professjoni ta' perit, li fil-passat kien involut f'diversi proġetti ta' kostruzzjoni.

Ir-rikorrent M. Architecture Limited ("kumpanija rikorrenti") hija kumpanija b'responsabbiltà limitata, kostitwita taħt il-Liġijiet ta' Malta u rreġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpaniji bin-numru tar-reġistrazzjoni 'C-30595'.

Ir-rikorrent Gernot Knoess ("Knoess"), bħala perit, fl-2004 kien avviċinat minn Margit Ceszkowski ("Ceszkowski") ta' nazzjonalità Ġermaniża, li talbet is-servizzi tiegħu bħala parti mill-kumpanija tiegħu M. Architecture Limited (il-"kumpanija rikorrenti"), fir-rigward tal-konverżjoni ta' studjow tat-televixin ġewwa Cologne, il-Ġermanja, f'binja li taħżen is-servers. Din il-binja li tinsab f'Triq Aachener, 1078 kellha tiġi konnessa mal-binja adjeċenti.

Il-kuntratt ġenerali għall-ippjanar u kostruzzjoni ("il-Kuntratt") kien abbozzat u ffirmat minn Ceszkowski u Knoess għan-nom tal-kumpanija rikorrent fit-12 ta' Awwissu, 2004. Il-valur miftiehem fuq il-kuntratt kien ta' tmien miljun u ħames mitt elf ewro (€8,500,000) u kien ikopri x-xogħlijiet kollha li għamlet il-kumpanija rikorrent relatata mal-konverżjoni taż-żewġ studjows u kull xogħol neċessarju ieħor bħal xogħolijiet strutturali, bidliet fl-istruttura eżistenti, installazjoni ta' sistema ġdida tal-arja kundizzjonata, installazjoni ta' art dobblu għal 'cables' u xogħolijiet oħra meħtieġa biex dan il-proġett ikun jista jitlesta b'suċċess.

Mal-iffirmar tal-Kuntratt, il-kumpanija rikorrenti ħarġet invoice ta' erba' miljun ewro (€4,000,000) lil M. u I. Ceszkowski GbR bħala depożitu biex ikopru l-bidu tax-xogħolijiet kif miftiehem fil-kuntratt. Fil-fatt din is-somma ġiet trasferita fil-kont bankarju (*client's account*) li l-kumpanija rikorrenti kellha f'Malta.

Malli din is-somma ġiet trasferita, il-proġett daħal fil-fażi tal-ippjanar u d-dettalji ta' dan il-proġett ta' konverżjoni ġew ippjanati.

Tlett xhur wara l-iffirmar ta' dan il-kuntratt, Ceszkowski talbet biex tiltaqa' mar-rikorrent Knoess biex tiddiskuti kwistjoni ta' urġenza. Matul din il-laqgħa, Ceszkowsi spjegat li kellha problemi finanzjarji ta' natura urġenti imma temporanja. Għaldaqstant Ceszkowski talbet lil Knoess biex irodd lura is-somma ta' żewġ miljun ewro (€2,000,000) ħalli dawn ikunu jistgħu jerġgħu jiġu investiti f'proġett ieħor, b'hekk tkun tista' tiġi sollevata mill-piż finanzjarju.

Ir-rikorrent Knoess, li ma riedx jissogra li jitlef il-kuntratt tal-kostruzzjoni fl-intier tiegħu u b'hekk isofri danni marbutin ma' spejjes li diġà kien għamel, aċċeda għat-talba ta' Ceszkowski's u rrifonda s-somma ta' żewġ miljun ewro (€2,000,000) bħala self. Minn naħa tagħha Ceszkowski aċċettat li tħalllas l-ammont sħiħ inkluż l-interessi.

Skont il-ftehim tas-self li ġie iffirmat f' Diċembru, is-somma ta' żewg miljun Ewro (€2,000,000) ġiet trasferita fil-kont bankarju ta' Ceszkowski fl-istess xahar.

Fl-istess waqt, peress li xi kumpaniji Ġermaniżi wrew interess li jikru l-ispazju tal-proġett tal-kostruzzjoni, ir-ritmu tal-ippjanar naqas, sakemm jiġi kkjarifikat jekk hux se jkompli dan il-proġett.

Fl-ewwel xhur tal-2006, Ceszkowski infurmat lil Knoess li l-proġett kien se jiġi abbandunat, primarjament minħabba l-fatt li hi kellha l-ħsieb li tbigħ il-proprjetà in kwistjoni. Għaldaqstant Knoess talab lil Ceszkowski biex trodd lura iż-żewġ miljun ewro (€2,000,000) li kien sellifha fl-2004 biex il-

kuntratt ikun jista' jerġa jiġi proċessat u l-kontijiet u l-affarjiet l-oħra pendenti jingħalqu.

Ceszkowski ma rrispondietx għat-talba ta' Knoess, u wara komunikazzjoni verbali bejn iż-żewġ partijiet, qablu li jiltaqaw it-Tnejn 7 ta' Awwissu, 2006.

Fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet Ġermaniżi tal-ħasil tal-flus bdew investigazzjoni fuq Ceszkowski u l-avukat Ġermaniż Mr. Wolski, bbażata fuq telefonati interċettati, li ftit minnhom oriġinaw minn Malta.

Ir-rikorrent Knoess ġie indikat bħala xhud f'dawn l-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

Fil-ġimgħat li segwew l-investigazzjoni fl-attivitajiet finanzjarji ta' Ceszkowski u Wolski, Knoess ġie infurmat permezz ta' korrispondenza ufficcjali ffirmata mill-Prosekutur Għoli Ġermaniż ta' dak iż-żmien li ma kien hemm l-ebda raġuni li tiġġustifika li l-kontijiet tiegħu jiġu miżmuma u li jkun hemm restrizzjonijiet fuq l-assi l-oħra tiegħu. Kif jidher fil-korrispondenza ddatata 9 ta' Settembru 2006 il-Prosekutur Pubbliku talab li jiġu rilaxxati il-flus u/jew kontijiet bankarji ffriżati taħt l-ittri rogatorji, minħabba l-fatt li skond il-liġi Ġermaniża, ma kienx hemm biżżejjed bażi biex jiġu ffriżati l-assi.

Fit-22 ta' Settembru, 2006 ordni ta' investigazzjoni u ordni ta' sekwestru *ai termini* tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġa mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.

Ir-rikorrent rċieva d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-ordni ta' sekwestru fil-lingwa Maltija, u ma ħa l-ebda sehem fil-proċeduri.

Nhar it-12 ta' Ottubru, 2006, Dr. Donatella Frendo Dimech, mill-ufficcju tal-Avukat Ġenerali, kitbet lill-Ufficcju tal-Prosekutur Pubbliku ġewwa Frankfurt, u nfurmatu li l-assi tar-rikorrent li ġew ffriżati huma suġġett għal investigazzjoni tal-

pulizija minħabba suspett ta' atti kriminali mwettqa minn Ceszkowski u Wolski ġewwa Malta.

Il-propjetà u l-assi kollha tar-rikorrent baqgħu ffriżati b'ordni tal-Qorti Maltija bl-eċċezzjoni tas-somma ta' disat elef u sitt mitt Lira Maltija (Lm9,600), f'dak iż-żmien ekwivalenti għal-€22,361 li ġiet rilaxxata fit-13 ta' Marzu, 2007. Tajjeb li wieħed jinnota li minn din is-somma, l-ammont ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6,000), f'dak iż-żmien ekwivalenti għal 13,976 kien ppleġġjat favur il-Bank of Valletta plc biex jiggarantixxi l-bqija tal-*home loan* fuq il-propjetà tar-rikorrent ġewwa l-Belt Valletta.

Fl-istess waqt, riżultat tal-ordni ta' sekwestru, ir-rikorrent ma kellux biżżejjed fondi biex ikompli jopera b'mod kummerċjali fil-professjoni tiegħu bħala perit u b'hekk kellu jagħlaq in-negozju tiegħu.

Ir-rikorrent qatta' **l-erba' snin** segwenti, bejn l-2006 u l-2010 bla heda, jistenna l-Awtoritajiet Maltin u l-aktar l-ufficcjali investigattivi tal-pulizija, biex jikkonkludu l-hekk imsemmija investigazzjoni tal-ħasil tal-flus.

F'dawn l-erba' snin, filwaqt li l-ufficcjali investigattivi suppost kienu qed jinvestigaw ir-rikorrent għal reati ta' ħasil tal-flus, ħajjet ir-rikorrent ġiet sospiża, jistenna r-riżultat tal-'investigazzjoni', li mid-dehra qatt ma kienet se tiġi konkluża.

Nhar it-28 ta' Settembru, 2010, ir-rikorrent ppreżenta quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) rikors fejn talab rimedju għal din is-sitwazzjoni serja.

Nhar l-20 ta' Ottubru, 2011, ir-rikorrent ġie mħarrek mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Inkjesti Kriminali) b'reati relatati ma' ħasil tal-flus skond il-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inizjalment il-proċeduri kienu preseduti mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima, li fl-2014 ġiet appuntata Imħallef fil-Qrati Superjuri ta' Malta, u b'hekk ġiet sostitwita mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli.

Dan li ġej huwa ġabra fil-qosor ta’ dak li ġara waqt is-seduti (miġbura mir-rikorrent), li jinkludi l-kompilazzjoni tal-evidenza relatata mal-proċeduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrent u jagħlaq bl-egħluq tal-evidenza tal-prosekuzzjoni:

**Seduta 1 – 23 ta’ Novembru, 2011**: Din kienet l-ewwel seduta fejn inqraw l-akkużi, id-Deputat Reġistratur esebixxa *proces verbal* relatat mal-każ u s-Supretendent Paul Vassallo ta l-evidenza.

**Seduta 2 – 28 ta’ Diċembru, 2011:** Seduta differita b’Ordni tal-Qorti għal nhar it-8 ta’ Frar, 2012.

**Seduta 3 – 8 ta’ Frar, 2012:** Godwin Spiteri, Ivan Camilleri, Dr. Martin Bajada u Romwald Attard taw l-evidenza taħt ġurament. Il-Qorti ħarġet mandat ta’ qbid kontra r-rikorrent u appunta lil Dr. Anthony Cutajar biex jagħmel inventarju tal-assi.

**Seduta 4 – 21 ta’ Marzu, 2012:** Dr. Kevan Azzopardi, PS266 Stefan Decelis, l-Ispettur Timothy Zammit u l-Perit Alexei Pace taw l-evidenza taħt ġurament.

**Seduta 5 – 16 ta’ Mejju, 2012:** L-ebda xhieda ma ġiet msejħa jew mismugħa.

**Seduta 6 – 27 ta’ Ġunju, 2012:** Dr. Anthony Cutajar ta l-evidenza taħt ġurament.

**Seduta 7 – 8 ta’ Awwissu, 2012:** Seduta differita b’ordni tal-Qorti għal nhar id-19 ta’ Settembru, 2012

**Seduta 8 – 19 ta’ Settembru, 2012:** Seduta differita fuq talba tal-Prosekutur għal nhar il-31 ta’ Ottubru, 2012.

**Seduta 9 – 31 ta’ Ottubru, 2012:** Seduta differita fuq talba tal-Prosekutur għal nhar it-12 ta’ Diċembru, 2012.

**Seduta 10 – 12 ta’ Diċembru, 2012:** Seduta differita miż-żewġ partijiet għal nhar it-23 ta’ Jannar, 2013.

**Seduta 11 – 23 ta' Jannar, 2013:** Seduta differita għal nhar is-6 ta' Marzu, 2013. L-ebda parti ma dehret.

**Seduta 12 – 6 ta' Marzu, 2013:** Seduta differita għal nhar is-17 ta' April, 2013. L-ebda parti ma dehret.

**Seduta 13 – 17 ta' April, 2013:** Seduta differita għal nhar is-26 ta' April, 2013 peress li l-Prosekutur kien imsiefer.

**Seduta 14 – 26 ta' April, 2013:** L-ebda xhieda ma ġiet msejħa jew mismugħa. Seduta differita għal nhar il-5 ta' Ġunju, 2013 għall-preżentazzjoni tal-ittri rogatorji.

**Seduta 15 – 5 ta' Ġunju, 2013:** Ittri rogatorji mhux preżentati. Il-Qorti tordna lill-Prosekutur biex jippreżenta l-ittri rogatorji sas-seduta li jmiss. Seduta deferita għal nhar it-13 ta' Lulju, 2013.

**Seduta 16 – 17 ta' Lulju, 2013:** PC278 ta l-evidenza taħt ġurament. Seduta differita għal nhar it-28 ta' Awwissu, 2013.

**Seduta 17 – 28 ta' Awwissu, 2013:** Seduta differita bl-Ordni tal-Qorti għal nhar it-18 ta' Settembru, 2013.

**Seduta 18 – 18 ta' Settembru, 2013:** Seduta differita għal nhar it-13 ta' Novembru, 2013. L-ebda parti ma dehret.

**Seduta 19 – 13 ta' Novembru, 2013:** Supretendent Vassallo ppreżenta s-sentenza tal-qorti kontra Michael Wolski. Il-Qorti tordna traduzzjoni sas-seduta li jmiss.

**Seduta 20 – 26 ta' Diċembru, 2013:** Seduta differita b'ordni tal-Qorti għal nhar il-5 ta' Frar, 2014.

**Seduta 21 – 5 ta' Frar, 2014:** Vera kopja tas-sentenza ppreżentata nhar it-13 ta' Novembru, 2013, reġgħet ġiet ppreżentata mis-Supretendent Vassallo.

**Seduta 22 – 12 ta' Frar, 2014:** Il-Qorti tapponta lil Fiona Baldacchino biex tittraduċi s-sentenza.

**Seduta 23 – 26 ta' Marzu, 2014:** Il-Maġistrat Edwina Grima ġiet appuntata bħala Imħallef tal-Qorti Superjuri, u b'hekk is-seduta ġiet differita għal nhar it-30 ta' April, 2014.

**Seduta 24 – 30 ta' April, 2014:** Bħas-seduta ta' qabel.

**Seduta 25 – 11 ta' Ġunju, 2014:** Is-Supretendent Paul Vassallo informa lill-Qorti li l-akkużat ġie notifikat bid-data tas-seduta.

**Seduta 26 – 15 ta' Lulju, 2014:** L-ebda xhieda ma ġiet msejħa jew mismugħa.

**Seduta 27 – 23 ta' Lulju, 2014:** Romuald Attard ta ix-xhieda tiegħu taħt ġurament. Fiona Baldacchino ppreżentat it-traduzzjoni tas-sentenza. Is-Supretendent Vassallo talab permess lill-Qorti biex iżid akkuża oħra kontra l-akkużat, kważi tliet snin wara li ġie mressaq il-Qorti u tmien snin wara li l-assi tar-rikorrent ġew ffriżati fuq ordni tal-Qorti.

**Seduta 28 – 29 ta' Lulju, 2014:** Il-Qorti taċċetta it-talba tar-rikorrent biex jiġbed is-somma ta' €13,976.24 għall-ispejjeż ta'kuljum mill-kontijiet tiegħu.

**Seduta 29 – 5 ta' Settembru, 2014:** L-akkużi fil-konfront tal-akkużat ġew kkoreġuti b'ordni tal-Qorti. L-akkuża ta' frodi ġiet miżjuda mal-lista tal-akkużi kontra r-rikorrent, tliet snin wara li r-rikorrent tressaq il-Qorti. L-ebda xhieda ma ġiet msejħa jew mismugħa.

**Seduta 30 – 15 ta' Ottubru, 2014:** Il-Qorti ġiet infurmata mill-Prosekutur li l-Avukat Ġenerali kien qed jinsisti li Ceskwoski u Wolski jixhdu f'dawn il-proċeduri. Is-Supretendent Vassallo informa lill-Qorti li dawn iż-żewġ persuni ma kienux residenti f'Malta u b'hekk ma setgħux jiġu mħarrka biex jixhdu.

**Seduta 31 – 26 ta' Novembru, 2014:** Seduta differita għal nhar l-1 ta' Diċembru minħabba li l-Prosekutur kien msiefer. Il-Qorti tinnota li l-Avukat Ġenerali insista kemmm 'il darba li jiġu mħarrka Ceszkowski u Wolski minkejja l-fatt li l-Prosekutur stqarr kemm 'il darba li dan mhux neċessarju.

**Seduta 32 – 1 ta' Diċembru, 2014:** Is-Supretendent Vassallo jinforma lill-Qorti li l-ittri rogatorji għandhom jiġu ppreżentati l-Qorti biex tkun inkluża x-xhieda ta' Ceszkowski u Wolski. Il-Qorti tordna lill-Prosekuzzjoni biex tippreżenta l-ittri rogatorji sas-7 ta' Jannar, 2015.

**Seduta 33 – 7 ta' Jannar, 2015:** L-ittri rogatorji mhux ppreżentati. Is-Supretendent Vassallo jinforma lill-Qorti li l-ittri rogatorji jista jkun li mhux neċessarji f'dan l-istadju iżda dan għadu qed jistenna l-approvazzjoni tal-Avukat Ġenerali.

**Seduta 34 – 18 ta' Frar, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tinnota li ma kien hemm ebda progress.

**Seduta 35 – 30 ta' Marzu, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tinnota li ma kien hemm ebda progress.

**Seduta 36 – 6 ta' Mejju, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tinnota li ma kien hemm ebda progress.

**Seduta 37 – 14 ta' Mejju, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tinnota li ma kien hemm ebda progress.

**Seduta 38 – 24 ta' Ġunju, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tinnota li ma kien hemm ebda progress.

**Seduta 39 – 5 ta' Awwissu, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tinnota li ma kien hemm ebda progress.

**Seduta 40 – 16 ta' Settembru, 2015:** Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'għandhiex iktar evidenza.

**Seduta 41 – 28 ta' Ottubru 2015:** L-Avukat Ġenerali joħroġ ordni biex titneħħa l-ordni ta' qabel.

**Seduta 42 – 15 ta' Diċembru, 2015:** Bidu tad-difiża.

Wara mhux inqas minn **wieħed u erbgħin** seduta, u disa' snin sħaħ minn meta bdiet l-investigazzjoni tal-pulizija fuq ir-rikorrent, il-prosekuzzjoni finalment għalqet il-każ.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrent umilment u bir-rispett jissottometti li l-azzjonijiet tal-konvenuti, kemm individwalment (separatement) kif ukoll konġuntivament, kisret diversi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), kif imħaddna f'Kapitolu 0 u Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, speċifikament:

(i) Artikolu 6 (KEDB) – Id-dritt għal-smiegh xieraq fi żmien raġonevoli.

(ii) Artikolu 8 (KEDB) – Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

(iii) Protokoll Nru 1, Artikolu 1(KEDB) – Il-protezzjoni tal-proprjetà.

(iv) Artikolu 3 (KEDB) – Il-projbizzjoni tat-tortura.

(v) Artikolu 7 (KEDB) – L-ebda piena mingħajr liġi.

(vi) Artikolu 13 (KEDB) – Id-dritt għal rimedju effettiv.

(vii) Artikolu 17 (KEDB) – Projbizzjoni tal-abbuż tad-drittijiet.

## B Ksur tal-Artikolu 6 tal- KEDB - Id-dritt tar-rikorrent għal-smiegh xieraq ġust fi żmien raġonevoli.

Skond Artikolu 6§1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem: *"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu ... kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u*

*pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi..".*

Meta tirrikjedi li każ jinstema fi *"żmien raġonevoli"*, il-Konvenzjoni tenfasizza l-importanza li l-ġustizzja tiġi amministrata mingħajr dewmien li jista' jwassal għal nuqqas ta' kredibbiltà (*H. v. France, § 58;  KatteKlitsche de la Grange v. Italy, § 61*).

Allavolja huwa ġeneralment aċċettat li fid-determinazzjoni tat-tul tal-proċeduri, iż-żmien jibda' jgħodd minn meta l-azzjoni tiġi istitwita qabel il-Qorti kompetenti, f'ċerti cirkostanzi iż-"*żmien raġonevoli*" jista' jibda jgħodd anke qabel ma jibdew il-proċeduri kriminali, per eżempju f'każ ta' ordni ta' sekwestru imposta mill-Qorti kontra individwu li qed jiġi investigat mill-Pulizija fuq ċertu reati. (*Golder v. the United Kingdom, § 32 in fine  Erkner and Hofauer v. Austria, § 64;  Vilho Eskelinen and Others v. Finland [GC], § 65*).

Il-prinċipju ġenerali f'każijiet bħal dawn huwa li allavolja il-protezzjoni ta' Artikolu 6 tibda' minn meta persuna tiġi akkużata b'reat krimnali, "*This is not, however, necessarily the moment when formal charges are first made against a person suspected of having committed an offence. For, as previously noted, the protection of Article 6 does not depend on the particular features of the system of criminal investigation and prosecution, which may and do vary considerably between the Contracting Parties. Moreover, as the object of Article 6 is to protect a person throughout the criminal process, and since formal charges may not be brought until a fairly advanced stage of an investigation, it is necessary to find a criterion form the opening of criminal proceedings which is independent of the actual development of the procedure in a specific case." (Jacobs G.F. & White R.C.A., 1996, The European Convention on Human Rights, 2" Edition, pages 145-146)*.

Il-Qrati Maltin jistabbilixxu li d-dritt għal proċeduri ġusti japplika anke fl-istadju investigattiv. (*Il-Pulizija vs Longinu Aquilina deċiża nhar it-23 ta' Jannar,1992, ċitata fil-Kollezzjoni tad- Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta; volum LXXVI paġni 23 et. seq.*).  Din is-sentenza tirreferi għall-każ ta' the De

Weer deċiża mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fis-27 ta' Frar, 1980 fejn ġie ddikjarat li wieħed għandu jgħarbel is-sostantiv iktar milli l-kunċett formali tal-akkuża. Referenza saret ukoll għall-każ ta' Huber li seħħ fl-1975 fejn il-Qorti ta' Strasbourg enfasizzat li '*relevant stage is that at which the situation of the person concerned has been substantially affected as a result of the suspicion against him*'. F'dan il-każ tal-aħħar ġew ċitati P.Van Dyke & Van Hoof (*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*) li stqarru "*not in all cases is it possible to start from the moment at which the person is officially indicted, for even before that he may have realized that he is suspected of a criminal offence, so that from the moment he has an interest in that a decision about this suspicion may be made by the court*".

Għalhekk, il-proċess legali tar-rikorrent beda' fit-22 ta' Settembru, 2006, meta l-assi tiegħu kollha kienu suġġetti għal ordni ta' sekwestru sakemm kien qed jiġi investigat mill-Pulizija, għax f'dan l-istadju s-sitwazzjoni tar-rikorrent kienet diġà affetwata sostanzjalment.

Din is-sitwazzjoni ta' inċertezza, li għadha għaddejja sal-lum, kienet ta' iktar piż sal-aħħar ġranet tal-2010, meta l-Kummissarju tal-Pulizija finalment, u li probabbli kien ppressat mill-każ Kostituzzjonali li ġie ppreżentat mir-rikorrent f'dak iż-żmien, ppreżenta l-akkużi fil-Qorti kontra r-rikorrennt Knoess.

F'dawn l-aħħar snin minn mindu r-rikorrent ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-proċeduri kienu karatterizzati b'ħafna dewmien, bil-maġġoranza tas-seduti jsiru mingħajr il-preżentazzjoni ta' ebda evidenza jew is-smigħ ta' xhieda li setgħu taw evidenza fuq ħasil ta' flus, evażjoni ta' taxxa jew frodi.

Huwa prinċipju stabbilit fil-liġi tad-drittijiet tal-bniedem li "*[L]ong periods during which the proceedings … stagnate…*" mingħajr ebda spjegazzjoni mhix aċċettabli (*Beaumartin v. France, § 33*).

In linea mal-każistika tal-KEDB, iż-"*żmien raġonevoli*" tat-tul tal-proċeduri irid jiġi analizzat fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u b'referenza għall-kriterji li ġejjin: il-kondotta tal-awtoritajiet kkonċernati, il-kumplessità tal-każ, il-kondotta tar-rikorrent u kif ġie affetwat ir-rikorrent (ECHR, 10.09.2010, McFarlane v. Ireland, No. 31333/06, Par. 140 b'aktar referenzi).

Anke ħarsa ta' malajr lejn il-proċess tal-Qorti juri biċ-ċar il-mod skandaluż kif dawn il-proċeduri kienu u għadhom qed jiġu kondotti mill-ufficcju tal-Avukat Ġenerali u anke mill-Pulizija.

Il-verità hija li l-eżistenza ekonomika u professjonali tar-rikorrent kienet f'periklu. Ir-rikorrent kien ġab l-assi kollha tan-negozju kif ukoll l-assi privati tiegħu lejn Malta. Dawn l-assi kollha ġew ffriżati mill-konvenuti, ir-rikorrent ma setax ikompli għaddej bl-attivitajiet ekonomiċi u professjonali tiegħu. jaġixxi b'mod ekonomiku u professjonali. L-impatt fuq ir-rikorrent żgur kien ikun differenti li kieku l-investigazzjoni ħadet l-istess żmien daqslikieku saret minn prosekuturi Ġermaniżi. Il-konvenuti rnexxielhom ikissru l-professjoni tar-rikorrent bħala perit u u intraprenditur.

Ir-rikorrent kkoopera b'mod sħiħ mal-awtoritajiet, kemm fl-istadju tal-investigazzjoni kif ukoll fil-kumpilazzjoni tal-evidenza għall-każ kontra ir-rikorrent.

Fir-realtà il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ilhom għaddejjin għal kważi għaxar snin, flimkien mal-piż li dawn il-proċeduri ħallew fuq ir-rikorrent.

It-tul eċċessiv ta' dawn il-proċeduri tal-Qorti u l-mod abbusiv u inadekwat tal-mod kif dawn il-proċeduri ġew kondotti mill-Avukat Ġenerali u l-Pulizija jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

## **C Ksur ta' Artikolu 8 tal-KEDB - Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja**

L-iskop tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja jaċċerta li l-individwu għandu biżżejjed libertà biex ikompli jiżviluppa b'mod sħiħ l-personalità tiegħu. (ECHR, 11.07.1980,

Deklerck v. Belgium, No. 8307/78, DR 21, 116). Il-KEDB tistqarr li kull tip ta' interferenza fl-abbiltà tal-individwu li jimpenja ruħu f'attivitajiet professjonali u li tikkrea diffikultajiet serji li jimpeduh milli jaqla l-ghejxien tiegħu ikunu qed imorru kontra id-dritt tal-individwu li jgawdi l-ħajja privata tiegħu (ECHR, 07.04.2005, Rainys and Gasparavicius v. Lithunia, No. 70665/01, Par. 34; ECHR, 16.10.2008, Taliadouou and Stylianou v. Cyprus, No. 39627/05 and 39631/05, Par. 54; ECHR, 16.10.2008, Kyriakides v. Cyprus, No. 39058/05, Par. 50; ECHR, 19.10.2010, Özpinar v. Turkey, No. 20999/04, Par. 43 ff.).

F'dan il-każ jidher biċ-ċar li permezz tal-rvina tal-eżistenza professjonali u ekonomika tiegħu, ir-rikorrent esperjenza effett negattiv fuq it-tgawdija tal-ħajja privata u l-familja tiegħu. Minbarra l-irvinar tal-ħajja professjonali tiegħu bħala perit - li rriżulta f'deġenerazzjoni tal-kwalità ta' ħajja minħabba diffikultajiet finanzjarji – ir-rikorrent sofra u għadu jsofri b'mod speċjali mill-fatt li l-konvenuti neħħew b'mod permanenti l-possibiltà li r-rikorrent jibda' familja. Il-piż finanzjarju u emozzjonali li ġabu fuq ir-rikorrent u l-familja tiegħu l-ksur tal-Konvenzjoni mill-konvenut f'diversi okkażjonijiet, fixkel il-koppja fil-ippjanar ta' ħajjithom. Sadanittant, m'għadx hemm possibiltà li jkollhom it-tfal minħabba raġunijiet bioloġiċi.

L-investigazzjoni seħħet b'mod li kissret id-dritt li jinsab f'Artikolu 8 sub-artikolu 1 ta' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 38 sub-artikolu 1 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi t-telefonati bejn ir-rikorrent u l-klijent ġew interċepiti b'mod abbużiv mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-interċezzjonijiet saru b'involviment dirett tal-Awtoritajiet Kompetenti Maltin. Harris, O'Boyle u Warbrick kitbu *(2009 2nd edition of the Law of the European Convention on Human Rights, pages 368-369)*, b'referenza għall-ksur ta'Artikolu 8, li "*it is more obviously so where the information is gained surreptitiously by telephone-tapping reading a person's post or intercepting email" (vide PG and JH v UK 2001-IX)*.

Il-ksur tad-dritt kostituzzjonali tar-rikorrent baqa' għaddej meta l-Awtoritajiet Kompetenti Maltin ma laqgħux it-talba tal-Prosekutur Eżekuttiv Għoli Pubbliku tal-Ġermanja biex jiġu

rilaxxati l-flus u/jew kontijiet bankarji ffriżati skond il-parametri tal-ittri rogatorji ddatati 30 ta' Ġunju 2006, 13 ta' Lulju 2006 u 27 ta' Lulju 2006. Dan in-nuqqas (li fl-opinjoni tar-rikorrent kien mtawwal b'mod deliberat mill-Awtoritajiet Maltin), *inter alia*, affetwat b'mod serju is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent b'tali mod li r-rikorrent sab diversi diffikultajiet biex iħallas għal għajnuna legali, kien kostrett li jirrevoka il-pension fund, assigurazjoni tas-saħħa u poloz oħra li kien qed jibbenifika minnhom, kellu wkoll jieqaf imantni l-proprjetà – biex ma nsemmux il-mod ta' kif il-ħajja privata/soċjali tiegħu u r-reputazzjoni/goodwill tiegħu ġew meqruda.

**<u>D Ksur tad-dritt tar-rikorrent għall-protezzjoni tal-propjetà skond Protokoll Nru 1, Artikolu1 (KEDB)</u>**

Billi ġiet imposta 'Guantanamo finanzjarja' u ġiet meqruda l-goodwill tal-kumpanija tal-periti tar-rikorrent, il-konvenuti kissru id-dritt tar-rikorrent li jgawdi l-proprjetà tiegħu skond Protokoll Nru 1, Artikolu 1, (msejħa 'biens' fit-test Franċiż tal-KEDB), inklużi l-assi tiegħu, *inter alia* flusu, kontijiet bankarji, u l-propjetà tiegħu, kemm dawk mobbli u immobbli.

Dan kien riżultat ta' diversi miżuri meħuda u mplimentati mill-awtoritajiet kompetenti Maltin, liema miżuri ma kinux intenzjonati li jissalvagwardjaw d-drittijiet legali tiegħu, jew interessi ta' terzi persuni jew drittijiet ta' xi vittmi li seta' jkun hemm, imma kienu frivoli u irritanti.

Skond il-każistika stabbilita mill-Qorti, il-klijentela, il-goodwill ta' negozju, tikkostitwixxi assi protetti mil Protokol Nru 1, Artikolu 1 (ECHR, 24.05.2005, Buzescu – Romania, No. 61302/00, Par. 81; ECHR, 06.02.2003, Wendenburg et al. v. Germany, No. 71630/01, Section "The Law", Par. 1.; ECHR, 09.11.1999, Döring – v. Germany, No. 37595/97, Section "The Law", Par. 1.; ECHR, 25.03.1999, Iatridis v. Greece, No. 31107/96, Par. 54; ECHR, 30.11.1987, H. v. Belgium, No. 8950/80, Par. 47; ECHR, 26.06.1986, Van Marle et. al v. Netherlands, No. 8543/79, Par. 41).

Wieħed ma jistax jikkontesta li n-nuqqas ta' attività fin-negozju għal aktar minn disa' snin – enforzata minħabba s-sekwestru

tal-assi – tilfet il-klijentela kollha u b'hekk qerdet għal kollox il-goodwill tagħha.

Biex tkun legali, miżura biex tikkontrolla l-użu ta'proprjetà kif hemm stabbilit f'Protokol Nru 1, Artikolu 1, għandu jilħaq "bilanċ ġust' bejn d-domanda għall-interess ġenerali tal-kommunità u l-ħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Għalhekk għandu jkun hemm relazzjoni proporzjonali raġonevoli bejn il-mezzi wżati u l-għan mixtieq. (ECHR, 23.02.1995, Gasus Dosier- u. Fördertechnik GmbH v. Netherlands, No. 15375/89, Par. 62). Il-qerda tal-eżistenza ekonomika u professjonali ta' individwu minħabba dewmien matul is-snin permezz ta' miżuri investigattivi ma taffetwax biss l-interessi tal-individwu kkonċernat. Il-mod kif aġixxiet l-Awtorità kkonċernata tmur kontra l-interess tal-kommunità kif ukoll hija ta' detriment għall-funzjoni tagħha. Il-kwistjoni ta' proporzjonalità bejn il-mezzi wżati u l-għan mixtieq għalhekk ma toħrogx.

Fil-verità, il-miżuri imposti mill-konvenuti, ma kienux kompletament skond Artikolu 4 ta' Kapitlu 373 tal-Liġi ta' Malta fis-sens illi l-Avukat Ġenerali qatt ma seta' jkollu *"Raġuni Biżżejjed biex jissuspetta*" li r-rikorrent kien ħati tal-akkuża msemmija f'Artikolu 3.  L-aktar, l-Avukat Ġenerali seta' jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta fil-klijent, imma mhux fir-rikorrent.

**<u>E   Ksur ta' Artikolu 3 tal-KEDB - Il-projbizzjoni tat-tortura</u>**

Il-konvenuti ġiegħlu lir-rikorrent isofri minn trattament inuman u degradanti bi ksur ta' Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Trattament huwa kkunsidrat "degradanti" meta dan jumilja u jbaxxi individwu, u juri nuqqas ta' rispett għal, jew inaqqas, id-dinjità tal-persuna, jew iqajjem biża', anzjetà jew inferjorità li tista twassal biex tkisser il-moral u r-reżistenza fiżika tal-individwu.  (ECHR, 21.01.2011, M.S.S. v. Belgium and Greece, No. 30696/09, Par. 210, b'aktar referenzi). Trattament li jġiegħel individwu jħoss sens profond ta' vulnerabbiltà,

impotenza u insult huwa umiljanti u għalhekk "degradanti" ukoll (ECHR, 28.07.2009, Rachwalski and Ferenc v. Poland, No. 47709/99, Par. 61).

Mill-2006 ir-rikorrent esperjenza sens kbir ta' inkapaċità u b'hekk impotenza, għall-ħniena ta' stat Kafkesk li apparentament kien determinat li jinjora l-impatt tas-sekwestri fuq il-ħajja tar-rikorrent. Fl-opinjoni tal-firmatarju, dan huwa każ klassiku ta' trattament degradanti bħalma msemmi f'Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

## **F Ksur ta' Artikolu 7 (KEDB) - L-ebda piena mingħajr liġi**

Artikolu 7 tal-KEDB isostni li "*Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar'.*

Ir-rikorrent kien suġġett għal trattament li jikkostitwixxi piena ħarxa li seħħet fuq diversi snin, u dan anke qabel ma bdew il-proċeduri kriminali kontrih kif deċiżi mill-Prim'Awla.

L-iffriżżar tal-assi tar-rikorrent għal kważi għaxar snin, ttrasferiet lilha nnifisha f'piena per se, minnha nnifisha, bi ksur ta' Artikolu 7 tal-KEDB.

## **Ġ Ksur ta' Artikolu 13 tal-KEDB – Id-dritt għal rimedju effettiv**.

Artikolu 13 tal-KEDB jgħid li "*kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali*".

Ir-rikorrent jissotometti li dak kollu li sofra f'dawn l-aħħar għaxar snin juri biċ-ċar li hu qatt ma ngħata l-opportunità

għar-rimedji effettivi kontra l-abbużi u kontravenzjonijiet mill-Awtoritajiet Maltin relatati mal-każ tiegħu.

## G Ksur ta' Artikolu 17 tal-KEDB – Projbizzjoni tal-abbuż tad-drittijiet

Artikolu 17 tal-KEDB jgħid li "*ebda ħaġa li hemm f'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li tidħol f'xi attività jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni*".

Mill-evidenza li se tiġi ppreżentata f'dan il-każ, l-abbuż li wassal għall-ksur totali tad-drittijiet u libertjiet tar-rikorrent, se jkun evidenti, partikolarment meta wieħed jikkonsidra l-ħsara kbira li l-abbuż mill-Awtoritajiet Maltin ħalla fuq ir-rikorrent u l-familja tiegħu.

## GĦ Talbiet għad-danni

Minħabba l-egħluq sfurzat tal-kumpanija tal-periti tiegħu, ir-rikorrent s'issa tilef għaxar snin ta' dħul (2007 sa 2016) li jammontaw għal mhux anqas minn €3,000,000; Is-somma ta' €3.000.000,00 hija stima konservattiva li tieħu bħala bażi dħul annwali b'medja ta'€227.229,45. L-ammont ta' €227.229,45 għandha tiżdied għal €300.000,00 minħabba l-fatt li l-kumpanija tal-periti tar-rikorrent bdiet topera f'Malta biss fl-2003. Allavolja r-rikorrent ġab miegħu klijentela meta l-kumpanija ġiet stabbilita f'Malta, ovvjament kien hemm potenzjal tajjeb ta' tkabbir. Dan huwa rifless biċ-ċar fiċ-ċirkustanza li l-kumpanija tar-rikorrent ġġenerat dħul mill-General Contractor Agreement tat-12 ta' Awwissu 2004 fl-ammont ta' €586.178,27 biss. Li kieku l-lkumpanija ma ġietx tterminata kmieni minħabba ċirkustanzi speċifiċi, il-kumpaniji tal-periti kienet ddaħħal is-somma addizzjonali ta' €688.821,73 mill-proġett, li b'kollox jammontaw għas-somma ta' €1.275.000,00 bejn l-2004 u l-2006. Dan biss kien iżid id-dhul medju annwali ferm iktar minn €300.000,00.

Il-fatt li l-biċċa 'l kbira tal-assi ta-rikorrent kienu miżmuma mill-konvenuti kien ifisser li l-kumpanija tal-periti ma setatx tkompli topera. Ir-rikorrent kien perit ta' ċertu kalibru involut f'proġetti high-class. Għal dawn l-aħħar disa' snin u nofs ir-rikorrent ma rnexxilux jassikura kuntratt wieħed. Mill-2006, ir-rikorrent ma setax jikkompeti ma' kumpaniji oħra għall-kuntratti peress li ma kellux proġetti riċenti li seta' jirreferi għalihom. Skond il-konvenzjonijiet tal-industrija internazzjonali tal-periti, ir-rikorrent m'għandux xogħol. Il-konvenuti kissru l-assi tal-iktar valur għar-rikorrent, in-negozju tiegħu, li probabbilment kien jibqa' bħala sors permanenti ta' dħul sakemm jiġi biex jirtira fl-età ta' sebgħin sena. Fit-13-il sena li fadal (2017-2029), ir-rikorrent se jsofri telf ta' €300.000,00 fis-sena, li jammontaw għal mhux inqas minn €3,900,000,00. Ir-rikorrent jirrikonoxxi l-obbligu tiegħu li juża l-abbiltà tiegħu li jaħdem biex inaqqas mit-telf. Minħabba konsiderazzjonijiet prattiċi, ir-rikorrent ma jnaqqasx is-somma ta' €300.000,00 fis-sena u mhux se jikkonsidra l-prospetti xejn sbieħ ta' tkabbir tal-kumpanija. Barra minn hekk l-iżvantaġġ finanzjarju li r-rikorrent għadda minnu u li se jkompli jgħaddi minnu bħala riżultat tal-impatt negattiv tal-qerda tan-negozju fuq il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa u pension plan tar-rikorrent, se jiġu kkunsidrati bħala każ magħluq. (Inter alia, ir-rikorrent ġie mġiegħel jwaqqaf il-polza privata tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Fl-età ta' 56, ir-rikorrent qatt m'hu se jkollu l-opportunità li jkollu polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa b'kundizzjonijiet li jikkumparaw ma' dak li kellu qabel).

Billi qerdu l-kumpanija tal-periti tar-rikorrent, il-konvenuti tellfu l-possibiltà li r-rikorrent jbigħ in-negozju meta jasal biex jirtira. Ir-rikorrent jikkalkula li jkun tilef s-somma li tammonta għal mhux inqas minn €900.000,00.

Ir-rikorrent sofra danni marbutin ma' spejjez legali, kemm f'Malta kif ukoll fil-Ġermanja.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu ta' smiegh xierah fi żmien raġonevoli (Kap 319 – Skeda 1 – Artikolu 6); u

2. Tiddikjara illi rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, dar u korrespondenza (Kap 319 – Skeda 1 – Artikolu 8) u

3. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra lezjoni ta' dritt tieghu għal protezzjoni tal-proprjetà (Protokol 1 – Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem – Artikolu 1); u

4. Tiddikjara illi r-rikorrent kien suġġett għat-tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig (Kap 319 – Skeda 1 – Artikolu 3); u

5. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt li ma jkunx suġġett għal piena mingħajr liġi (Kap 319 – Skeda 1 – Artikolu 7); u

6. Tiddikjara illi ir-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu għal rimedju effettiv ġie miksur(Kap 319 – Skeda 1 – Artikolu 13);

7. Tiddikjara illi id-dritt tar-rikorrent relatat mal-abbuż tad-drittijiet ġie lez (Kap 319 – Skeda 1 – Artikolu 17);

8. Tikkumpensa lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 41 tal Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u Artikolu 46 sub-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni għad-danni;

Barra minn hekk, billi timponi miżuri li hija tikkunsidra raġonevoli, u billi tiddikjara illi l-ispejjeż tal-Qorti jiġu mħallsa mill-konvenut/i.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz taghha eccepew illi:

Fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikoli 3, 6, 7, 8, 13, 17 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan fost ohrajn minħabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali, trattament inuman u degradanti, vjolazzjoni tad-dritt

ghall-hajja privata u tal-familja u vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal-protezzjoni tal-propjeta u dan allegatament anke bi ksur tal-Artikolu 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi.

Preliminarjament, l-esponenti jirrilevaw li ghalkemm ir-rikors promotur gie ipprezentat kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliza, f'dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti ma tatx ordni sabiex il-proceduri isiru bl-Ingliz. Ghalhekk il-proceduri odjerni jistghu ikomplu bil-lingwa Ingliza wara li din l-Onorabbli Qorti tkun tat ordni f'dak is-sens u dan skont il-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll l-esponenti jirrilevaw li diversi lanjanzi li gew imressqa mir-rikorrenti huma ezawriti ghaliex digà kienu l-mertu ta' kawza kostituzzjonali ohra fl-ismijiet ***Gernot Knoess et vs. Avukat Generali et.*** numru 57/2010 li giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-10 ta' Marzu 2013. Ta' min wiehed jirrileva ukoll li saret applikazzjoni numru 69720/11 quddiem il-Qorti Ewropjea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) gewwa Strasburgu fl-ismijiet ***Gernot Knoess vs. Malta*** liema applikazzjoni giet michuda ghaliex inammissibbli u dan b'sentenza tal-ECHR tad-9 ta' Dicembru 2014. Ghalhekk huwa inaccettabbli li r-rikorrenti, ghax mhumiex sodisfatti bl-ezitu tal-proceduri l-ohra, juzaw il-proceduri odjerni sabiex il-Qrati taghna jergghu jiddeciedu fuq kwistjonijiet li huma kkunsidrati *res judicata*.

***Dwar in-nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli***

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza odjerna huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-

smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessità tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, s-sehem ta' l-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorità gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati – ***Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, 28/1/2013, Qorti Kostituzzjonali.***

Sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-komplessività tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminiali in dezamina, ghalkemm il-kaz qed jiehu numru ta' snin, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli. Illi kif ser jirrizulta mill-atti processwali l-mertu tal-kawza kriminali huwa wiehed pjutost kompless li jinvolvi anki awtoritajiet barranin (il-Germanja). Il-konsegwenza ta' din l-investigazzjoni komplessa hija li anki l-proceduri ta' kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma komplessi. Illi inoltre komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza.

Ghalhekk din il-lanjanza ghandha tigi michuda.

### ***Dwar id-dritt ghal-hajja privata u tal-familja***

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid is-segwenti:

> *"(1)Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2)Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2007 fil-kawza **Dickson vs UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk – *The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*. Ghalhekk l-indhil mill-awtorità pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Artikolu 8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta' Ottubru 2004).

L-esponenti jirrilevaw li ovvjament persuna li tkun qed tigi investigata dwar reati serjissimi fosthom bil-hrug ta' *attachment order* u apparti hekk jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha ser ikollha taffaccja certu restrizzjonijiet izda dan kollu huwa ghal kollox legittimu u gustifikat peress li tali mizura hija proporzjonata u taqa' taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurtà pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta' delitti. L-intercetazzjoni ta' telefonati hu metodu ta' investigazzjoni rikonoxxut skont il-ligi però fil-kaz odjern dawn saru mill-awtoritajiet Germanizi u mhux dawk Maltin. Fuq kollox indhil fil-privatezza ta' individwu sabiex reat jigi investigat huwa legalment rikonoxxut.

Ghalhekk din il-lanjanza ghandha tigi michuda.

***Dwar id-dritt ghall-protezzjoni tal-proprjetà***

Rigward l-allegazzjoni li kien hemm ksur tad-dritt ta' tgawdija ta' proprjetà minhabba l-iffrizar tal-assi, l-esponenti jissotomettu li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jipprovdi li jista' jkun hemm interferenza f'dan id-dritt fl-interess pubbliku. Illi la l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipprotegu d-dritt tal-godimenti pacifiku tal-possedimenti jew proprjetà minghajr restrizzjoni ta' xejn. Fil-fatt kemm l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw r-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt. Certament li twaqqaf u tinvestiga reat

kriminali milli jsehh jew ikompli jsehh huwa fl-interess pubbliku. Jinghad ukoll li ir-rikorrent ma kien qed jitlef xejn ghaliex l-imghax baqghu jakkumulaw mal-kapital. Illi l-esponent ifakkar li r-rikorrent gie akkuzat b'reat serju hafna ta' hasil ta' flus u li l-ordni ta' iffrizar tal-assi hi mizura provizorja ta' kontroll ta' proprjetà sabiex tizgura li proprjetà li giet akkwistata b'attività illecita li tkun twettqet b'detriment ghall-komunità, f'kaz ta' sejbin ta' htija tkun tista' tigi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess generali sabiex min jaghmel il-gid minn reat kriminali ma jiehux beneficcju minn tali attività illecita. L-ordni ta' iffrizar tibqa' fis-sehh sakemm ikun hemm decizjoni ikkunisdrata bhala *res judicata.*

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

### *Dwar trattament inuman u degradanti*

Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volontà taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorità li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu.

L-ordni ta' iffrizar in dizamina harget skont id-disposizzjonijiet tal-ligi u ghal ghan legittimu li hija l-protezzjoni tas-socjetà in generali. Illi r-rikorrent mhuwiex qieghed bl-ebda mod isofri piz eccessiv u sproporzjonat, ghaliex f'dan il-kaz, tenut kont tal-hsara li l-attività kriminali in kwistjoni taghmel lis-socjetà, l-interess generali ghandu jipprevali fuq dak tar-rikorrenti li jiddisponi mill-assi tieghu.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

***Dwar allegat ksur tal-Artikolu 7***

Din il-lanjanza hija wahda frivola u vessatorja ghaliex ir-rikorrent ma kien suggett ghall-ebda piena tant li sa issa lanqas biss instab hati. F'kaz ta' iffrizar tal-assi jkun hemm biss kontroll ta' uzu ta' proprjetà u certament mhux privazzjoni totali tal-proprjetà. Fil-fatt ghalkemm tali ordni timponi fuq ir-rikorrent restrizzjonijiet dwar l-uzu ta' dik il-proprjetà xorta jibqa l-fatt li tali proprjetà tkun ghadha taht il-patrimonju tar-rikorrenti.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

***Dwar allegat ksur tal-Artikolu 13***

Ovvjament ir-rikorrent ma inghatax rimedju effettiv ghall-ilmenti tieghu ghaliex l-ebda Qorti f'dan il-pajjiz ma sabet li kien hemm xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

***Dwar allegat ksur tal-Artikolu 17***

Huwa mgħallem li tnejn huma l-għanijiet wara l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni: l-ewwel wieħed hu li jiżgura li la persuni u lanqas gruppi ma jinqdew ħażin mill-jeddijiet mogħtija fil-Konvenzjoni biex iġibu ħsara lill-istess jeddijiet ta' persuni jew gruppi oħrajn; it-tieni wieħed hu li jżomm lill-awtoritajiet pubbliċi milli joħonqu t-tħaddim u t-tgawdija tal-jeddijiet tal-Konvenzjoni għal raġunijiet mhux xierqa jew saħansitra bil-ħsieb li jxekklu dik it-tgawdija. Dan l-artikolu "*does not have an independent character, and that <u>its violation is necessarily connected</u> with one or more of the rights and*

*freedoms enumerated in Section I of the Convention and its Protocols. The nature and degree of such connection may vary, depending on whether Article 17 is invoked against an individual or against a State*".

Galadarba r-rikorrenti jishqu li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikoli l-ohra invokati mir-rikorrent isegwi li anki dan l-Artikolu 17 ma giex vjolat. Ma hemm l-ebda dubju li lanqas ma jista' jingħad li l-istess intimati mxew b'mod li ġab fix-xejn il-garanziji li l-liġi tagħti lir-rikorrent biex jiddefendi ruħu kif imiss fil-proċess li qed isir kontra tiegħu.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

***Danni***

Jekk l-esponent fehem sew jidher li r-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, f'kaz li ssib xi lezjoni tad-drittijiet taghhom, jinghataw kumpens ghad-danni materjali. Din it-talba m'ghandiex mis-sewwa fis-sens li l-esponenti huma tal-fehma li ma gie vjolat l-ebda dritt u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhom jiehdu l-ebda kumpens. Fi kwalunkwe kaz anki jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti tiddeciedi li kien hemm lezjoni, r-rimedju *se mai* ghandu jkun li r-rikorrenti jiehdu kumpens ghad-danni morali.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, li permezz taghha eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi r-rikorrenti ingunga l-intimat b'mod erronju, u dan peress illi ma jezisti ebda Registratur tal-Qrati, kif indikat minnu fir-rikors promotur tieghu.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat mhux il-legittima kontradittur, u dan peress illi kif se jirrizulta ahjar waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, l-intimat ma kellu ebda kontroll fuq l-investigazzjoni tal-Pulizija, kif ukoll fuq l-andament tal-process gudizzjarju, u ghalhekk ma jistax ikun responsabbli ghal kwalunkwe ksur ta' drittijiet pertinenti lir-rikorrenti, kif allegat minnhom u ghad-danni konsegwenzjali.

Dan qed jigi sottomess in vista tal-fatt illi r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali huwa ghal kollox indipendenti mill-Gudikant u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jwiegeb ghall-agir tieghu.

Fil-fatt ir-rikorrenti stess, mhuwiex jallegaw li l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali taghhom huma attribwibbli lill-intimat odjern bhala rapprezentant tal-amministrazzjoni tal-Qrati.

Konsegwentement l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u m'ghandux ibati kwalunkwe spejjez konessi ma dawn il-proceduri.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, l-intimati *de quo* jitlob li din il-qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-attur nomine.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent nomine qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġew leżi d-drittijet fundamentali tiegħu kif sanċiti permezz tal-artikolu 3, l-artikolu 6, l-artikolu 7, l-artikolu 8, l-artikolu 13, l-artikolu 17 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minħabba dewmien sabiex ġew deċiżi finalment il-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gernot Knoess. Huwa qiegħed jitlob ukoll kumpens fl-għamla ta' danni kemm pekunjarji kif ukoll non pekunjarji.

Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent Gernot Knoess, perit tan-nazzjonalità Ġermaniża, kien stabbilixxa l-professjoni tiegħu hawn Malta fl-2003 tramite l-kumpannija tiegħu r-rikorrenti M. Architecture Limited. F'Awwissu tal-2006, l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu l-assistenza tal-awtoritajiet Maltin fil-kors ta' investigazzjoni li kienet qed issir minn dawk tal-ewwel in konnessjoni ma evażjoni ta' taxxa.

L-awtoritajiet Ġermaniżi kienu qegħdin jinvestigaw lil ċertu Margit Ceszkowski, klijenta tar-rikorrent Gernot Knoess, u lill-avukat tagħha ċertu Michael Wolski. Dawn iż-żewġ persuni kienu suspettati li ħolqu skema għall-evażjoni tat-taxxa u li r-rikorrent kien irċieva flus fil-kont tal-kumpannija tiegħu, reġistrata hawn Malta, liema flus oriġinaw minn din l-iskema.

Ġie stabbilit li €4,000,000 kienu ntbagħtu minn Margit Ceszkowski fil-kont tas-soċjetà rikorrenti u ftit taż-żmien wara s-somma ta' €2,000,000 ġiet ritornata lil Ceszkowski. Skont ir-rikorrent, dan wara li l-istess Ceszkowski talbitu jislifha dawn il-flus lura.

Sakemm l-awtoritajiet tal-Ġermanja kienu qegħdin jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom, huma talbu lil dawk Maltin sabiex jiffriżaw l-assi tar-rikorrenti. Dan kien f'Awwissu tal-2006. Jidher li fil-bidu ta' Settembru ta' wara, l-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw lil dawk Maltin illi ma kienx meħtieġ aktar restrizzjonijiet fuq il-kontijiet bankarji u assi oħra tar-rikorrenti. Madanakollu, l-investigazzjonijiet fuq ir-rikorrenti mill-pulizija hawn Malta ssoktat stante li fil-kors ta' esekuzzjoni ta' ittri rogatorji mibgħuta lill-awtoritajiet Maltin mill-awtoritajiet tal-Ġermanja, ġie a konjizzjoni tal-awtoritajiet Maltin li r-rikorrenti

setgħu kienu qegħdin jaħbu l-vera provenjenza ta' ammont sostanzjali ta' flus li kienu rikavat ta' frodi a detriment tal-Gvern Ġermaniż.

Għaldaqstant, ftit tal-ġranet biss wara li ġew rilaxxati l-assi tar-rikorrenti, fit-22 ta' Settembru 2006 il-Qorti Kriminali awtorizzat investigazzjoni u *attachment order* taħt l-Att kontra *Money Laundering*, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġew maqbuda wkoll diversi oġġetti, inkluż dokumenti u *hard disk drives* mill-ufficcju u mir-residenza tar-rikorrenti.

Dwar l-akkadut infetħet inkjesta maġisterjali fis-7 ta' Marzu 2007. Il-proċess-verbal ingħalaq fil-15 ta' Frar 2010. Jirriżulta li l-Kummissarju tal-Pulizija kien talab dokumentazzjoni mingħand l-awtoritajiet tal-Ġermanja u dawn waslu għandu f'Marzu tal-2008. L-espert Martin Bajada, maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti sabiex jeżamina l-*hard disk drives* elevati mill-ufficcju tar-rikorrenti, ppreżenta r-rapport tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2009.

Fl-20 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent ġie mixli b'atti ta' ħasil ta' flus quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

Il-każ kontra r-rikorrent ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2017 u r-rikorrent ġie meħlus minn kull akkuża. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li titneħħa l-ordni ta' ffriżar tal-assi tar-rikorrenti. Minn din id-deċiżjoni ma sarx appell. Jirriżulta għalhekk illi l-assi tar-rikorrenti damu friżati għal kważi ħdax-il sena sħaħ.

Ir-rikorrent jilmenta li dan id-dewmien minn meta bdew l-investigazzjonijiet sakemm ġie deċiż il-każ finalment, f'liema perjodu r-rikorrent seta' jiġbed mill-bank biss somma żgħira ta' flus għal għixien tiegħu u tal-familja tiegħu, wassal sabiex ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu.

In linea preliminari, l-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxu li l-Qorti m'ordnatx illi l-proċeduri jsiru bl-ingliż, dan in vista tal-fatt illi r-rikorrenti ppreżentaw kopja

tar-rikors ġuramentat redatt bil-lingwa Ingliża, flimkien mal-verżjoni bil-Malti. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata in kwantu li r-rikorrenti m'għamlu l-ebda talba sabiex il-proċeduri jissoktaw bl-Ingliż u allura l-proċeduri baqgħu jinstemgħu bil-Malti.

L-istess intimati imbagħad jeċċepixxu li dawn il-proċeduri huma milquta mill-ġudikat maħluq mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Gernot Knoess et vs Avukat Ġenerali, deċiża fl-10 ta' Marzu 2013, kif ukoll peress li sussegwentment saret applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Gernot Knoess vs Malta, liema applikazzjoni ġiet miċħuda in kwantu li inammissibbli.

Madanakollu, il-Qorti fliet is-sentenzi msemmija mill-intimati minn fejn jirriżulta li l-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet Gernot Knoess et vs Avukat Ġenerali ġiet dikjarata li marret deżerta fl-ewwel istanza filwaqt illi kif isemmu l-intimati stess, il-proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea ġew dikjarati inammissibbli peress illi r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju u ċioè li jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem din il-Qorti.

Propju kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et, tas-7 ta' Lulju 2004:

> "*Ghall-kumpletezza jinghad li il-fatt li proceduri precedenti, wkoll ta' natura Kostituzzjonali, gew kancellati min din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001, u ma saretx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo. L-effett ta' kawza kancellata mhux reappuntata huwa l-istess bhal meta kawza titqies dezerta skont l-artikolu 965 tal-Kap 12, u, a tenur ta' l-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap 12, "Bid-dizerzjoni ta' kawza fil-Qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca, izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni". Huwa biss il-gudikat li zzomm it-trattazzjoni ta' kawza determinata f'gudizzju separat, izda d-dezerzzjoni, salv ir-responsabilita' ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-ewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu.*"

Isegwi għalhekk illi ma kien hemm xejn li jżomm lir-rikorrent milli jipproponi din il-kawża, kemm għaliex bid-deżerzjoni ta' kawża fil-Qorti tal-ewwel grad ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni u kemm għaliex il-Qorti Ewropea sabet illi r-rikorrenti kellhom għad-disposizzjoni tagħhom rimedju ordinarju fil-livell nazzjonali. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-intimati qiegħda tiġi miċħuda.

Preliminarjament, l-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jeċċepixxi li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi stante li huwa ma kellu l-ebda kontroll la fuq l-investigazzjoni tal-pulizija u lanqas fuq l-andament tal-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tar-rikorrent u għalhekk, ma jistax jiġi misjub responsabbli tal-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent.

Il-Qorti tqis illi l-intimat għandu raġun f'din l-eċċezzjoni. Fil-każ ta' Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, intqal speċifikatament dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati, li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux il-persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et, tat-8 ta' Novembru 2004, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi:

> *"Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorreni huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur."*

Finalment, fis-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura, tas-7 ta' Ottubru 2005, ġie ritenut hekk mill-Qorti Kostituzzjonali:

*"Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi - u hu ma hux f'posizzioni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."*

Għalhekk, l-eċċezzjoni tar-Reġistratur intimat hija fondata. La mir-rikors promotur u lanqas mill-assjem tal-provi ma jirriżulta li r-rikorrent qiegħed iressaq xi ilment direttament kontra r-Reġistratur. Għar-raġunijiet li huma esposti bl-aktar mod ċar u inekwivoku fis-sentenzi riferiti, il-Qorti tagħmel tagħha dik il-ġurisprudenza fejn tolqot din l-eċċezzjoni biex b'hekk tilqa' l-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**<u>Allegat leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Il-qofol tal-ilment tar-rikorrent huwa d-dewmien minn meta bdew l-investigazzjonijiet fl-2006 sakemm ġie deċiż il-każ

finalment fl-2017. Dan peress li tul dan iż-żmien kollu l-assi tar-rikorrenti kienu milquta minn ordni ta' ffriżar.

Fil-każ ta' Merit v Ukraine, deċiża fit-30 ta' Ġunju 2004, il-Qorti Ewropea rriteniet li:

> *"... in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 of the Convention begins to run as soon as a person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example the above-mentioned, Deweer v. Belgium, judgment, p. 22, § 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when preliminary investigations were opened."*

L-awturi Jacobs, White and Ovey[1] jispjegaw li:

> *"The Court has defined a "charge" for the purpose of Article 6(1) as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" (**Eckle v Germany**, 15 July 1982). It may, however, "in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect" (**Foti v Italy**, 10 December 1982)."*

Din il-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-perjodu rilevanti li għandu jiġi meqjus għall-finijiet ta' din il-kawża beda jiddekorri mill-2006 in kwantu li kien minn dakinhar li ġew friżati l-assi tiegħu u tal-kumpannija rikorrenti li r-rikorrent ġie milqut sostanzjalment mill-investigazzjonijiet tal-pulizija.

L-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġjonevoli tenut kont tal-komplessità tal-każ li kien jirrikjedi wkoll il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi.

---

[1] The European Convention on Human Rights (Seba' Edizzjoni) paġni 277-278

In linea ta' prinċipju ġenerali, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Avukat Generali, deċiża fis-27 ta' Mejju 2016, fejn dik il-Qorti enunċjat:

*"Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessita' tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.'*

*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet Anton Camilleri v. Avukat Generali, fejn inghad:*

*Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited].*

*".... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of*

*the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited]."*

*Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."""*

L-istess Qorti fl-imsemmi każ ta' Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, deċiża fl-1 ta' Frar 2016, kienet qalet hekk:

*"... hu meqjus li l-ħtiega ta' smigħ xieraq għeluq zmien ragonevoli fil-kaz ta' procedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand"; Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3.*

*Illi għalhekk il-ħtiega ta' smigħ xieraq fi zmien ragonevoli taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l- effettività u l-kredibiltà tal-gustizzja; (b) il-ħtiega li l-persuna mixlija tingħata l-opportunità ta' difiza xierqa u effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of*

*criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"; (c) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal zmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proceduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."*

Finalment, fil-każ ta' Zakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali, tal-15 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

*"In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessità tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.*

*Inoltre "l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]."*

*Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis ic-cirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessita` tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet.*

*…*

*Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi*

*partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjetà demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu. Dan il-principju japplika wkoll ghall-proceduri civili."*

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti qieset li:

- Il-pulizija damu mhux inqas minn ħames snin jinvestigaw il-każ qabel ir-rikorrenti ġie mixli b'atti ta' ħasil ta' flus. Quddiem il-Qorti Istruttorja, l-eks Supretendent tal-Pulizija Paul Vassallo spjega li l-pulizija damet sa ma ressqet lir-rikorrent quddiem il-Qorti Istruttorja għaliex kienu qegħdin jistennew li jinqata' l-każ kontra Michael Wolski fil-Ġermanja. Il-każ kontra Wolski nqata' fis-26 ta' Lulju 2011;

- L-inkjesta maġisterjali damet kważi tlett snin biex ingħalqet. Il-pulizija imbagħad damu sena u nofs oħra jistennew sa ma ressqu lir-rikorrent għaliex kif diġà ntqal riedu li l-ewwel jinqata' l-każ kontra Michael Wolski;

- Quddiem il-Qorti Istruttorja il-prosekuzzjoni damet erba' snin sabiex għalqet il-provi tagħha. Dan mhux minħabba li kien hemm volum kbir ta' provi x'jinġabru jew minħabba l-kumplessità tal-każ, imma għaliex sa Ġunju tal-2015 l-Avukat Ġenerali kien għadu qiegħed jinsisti fuq ix-xhieda ta' Margit Cezskowski u Michael Wolksi permezz ta' ittri rogatorji. Il-prosekuzzjoni finalment iddikjarat illi l-provi tagħha kienu magħluqa fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2015 mingħajr ma qatt saru dawn l-ittri rogatorji;

- L-intimati ma ġabu l-ebda prova li d-dewmien kien attribwibbli għal ċirkostanzi li ma setgħux jikkontrollaw, bħal per eżempju, informazzjoni li kellha tasal mill-Ġermanja. Anzi bil-kontra, jirriżulta li dak kollu mitlub mill-awtoritajiet Maltin wasal għandhom fiż-żmien bikri tal-investigazzjonijiet tal-pulizija hawn Malta;

- Matul dan iż-żmien kollu u ċioè għal kwazi ħdax-il sena sħaħ, l-assi tar-rikorrenti kienu friżati fuq ordni tal-Qorti;

- Kien jinkombi fuq l-intimati, jekk dehrilhom li kellhom jirribattu l-allegazzjoni tar-rikorrent li għad-dewmien fil-proċeduri kriminali jaħtu huma, biex iressqu provi sodisfaċjenti biex juru li d-dewmien ma kienx attribwibbli lilhom.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi r-rikorrent għandu raġun jilmenta li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Huwa inaccettabli li f'pajjiż demokratiku bniedem jagħmel ħdax-il sena jistenna li ssir ġustizzja miegħu u agħar minn hekk, meta għal dawn is-snin kollha l-assi tiegħu u tal-kumpannija tiegħu jinżammu friżati. Dan kollu a detriment tal-ħajja personali u professjonali tiegħu u dik tal-familja tiegħu.

Għalkemm huwa assodat in materja ta' dewmien għall-finijiet tal-artikolu 6 li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak it-tul ta' żmien ukoll jitqies li huwa raġjonevoli, bħal meta l-każ ikun komplikat u jkun jeħtieġ investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta' ħafna xiehda, fil-każ tal-lum ma tressqet l-ebda prova li kien hemm din il-ħtieġa.

Mill-atti jirriżulta li l-awtoritajiet Ġermaniżi irrispondew mingħajr dewmien żejjed għat-talbiet tal-awtoritajiet Maltin għall-informazzjoni meħtieġa. Meta wieħed iqis dan, u l-fatt illi l-prosekuzzjoni rrinunzjat għax-xhieda ta' Margit Ceszkowski u Michael Wolski, ma kien hemm l-ebda komplessità fil-każ li kienet timmerita dan id-dewmien kollu sabiex il-pulizija ressqu lir-rikorrent quddiem il-Qorti Istruttorja imbagħad sabiex il-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha quddiem dik il-Qorti.

Dan id-dewmien ma jistax ma jigix meqjus bħala esaġerat, mhux raġjonevoli u li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjetà demokratika, u bħala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu jiġu determinati fi żmien raġjonevoli.

Mill-atti tal-proċeduri kriminali ma jirrizultax lanqas li r-rikorrent ikkontribwixxa għad-dewmien fil-ġbir tal-provi fil-kumpilazzjoni. Infatti ma jidhrix illi l-intimati addebitaw xi ħtija fid-dewmien fil-proċeduri fl-istruttorja lir-rikorrent, lanqas fis-sottomissjonijiet li għamlu f'din il-kawża.

Il-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali ma jistgħux jippretendu li jieħdu l-ħin tagħhom mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni għall-ħajja ta' bniedem li jagħmel snin sħaħ jistenna li jiġi ġudikat aktar u aktar f'sitwazzjoni fejn l-assi kollha tiegħu u tal-kumpannija tiegħu jinżammu ffriżati. L-intimati kellhom jieħdu ħsieb illi l-każ jitmexxa b'aktar ħeffa tenut kont tal-piż li kellu jerfa' r-rikorrent u mhux minflok jieħdu l-ħin tagħhom qisu xejn m'hu xejn! Bl-ebda kriterju ma jista' jingħad illi l-procedura tmexxiet b'ħeffa u b'efficjenza. Fil-fehma tal-Qorti, ma ngabret ebda xiehda li ma setgħetx, li kieku l-procedura tmexxiet b'għaqal u ħeffa, ingabret fi zmien ta' ftit xhur.

Huwa opportun li f'dan l-istadju l-Qorti tiċċita s-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Lebrun vs Avukat Generali, tas-26 ta' Mejju 2014:

> "*Il-verità hi illi daħlet il-prassi – ħazina – illi l-prosekuzzjoni tmexxi l-kaz bil-lajma, kultant tressaq xi xhud, kultant xi prova oħra u kultant lanqas biss tidher għas-seduta – bħallikieku din hija biss ħaga fakoltativa – u hekk il-kumpilazzjoni li jmissha tintemm fi zmien ta' gimgħat tieħu s-snin. Kulħadd jaqbel li din hija prassi ħazina u ma huwiex meħtieg intervent legislattiv biex tinbidel, iżda xorta jibqa' jsir l-istess. L-argumenti mressqa mill-Avukat Generali f'dan l-aggravju juru illi lanqas dak l-ufficjal għadu ma jrid jifhem u jammetti li din hija prassi li għandha tinbidel, u minnufih.*"

Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimati li jipproduċu provi sabiex jiġġustifikaw id-dewmien fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigh xieraq fi żmien raġjonevoli kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**Allegat leżjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"Ħadd ma għandu jkun assoggettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-każ ta' O'Keefe v Ireland, deċiża fid-29 ta' Jannar 2014:

> *"The Court reiterates that Article 3 enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment. The obligation on High Contracting Parties under Article 1 of the Convention to secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in the Convention, taken in conjunction with Article 3, requires States to take measures designed to ensure that individuals within their jurisdiction are not subjected to torture or inhuman or degrading treatment, including such ill-treatment administered by private individuals."*

Hekk kif ribadit fil-każ ta' **Kudla v Poland**, tas-26 ta' Ottubru 2000:

> *"The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them. On the other hand, the Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (see, mutatis mutandis, the Tyrer v. the United Kingdom judgment of 25 April 1978, Series A no. 26, p. 15, § 30; the Soering v. the United Kingdom judgment of 7*

*July 1989, Series A no. 161, p. 39, § 100; and V. v. the United Kingdom cited above, § 71)."*

Biex jinstab li jkun hemm trattament inuman jeħtieg li jkun hemm '*severe suffering*' kif ukoll għandu jirriżulta li kien hemm '*a minimum level of severity*.' Dan l-eżami huwa wieħed relattiv u jiddependi mic-cirkostanzi kollha partikolari tal-każ. Fil-kawża Maneh Essa et vs Kummissarju tal-Pulizija et, deċiża fis-16 ta' Dicembru 2009, gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta li '*t-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna 'intense physical and mental suffering'"*. Inoltre, is-sofferenza tista' tkun kemm mentali kif ukoll fiżika.

Dan ġie wkoll riaffermat mill-Qorti Ewropea, fil-każ ta' Aden Ahmed v Malta, tad-9 ta' Diċembru 2013, fejn dik il-Qorti fissret il-protezzjoni akkordata bl-artikolu 3 fis-segwenti termini:

*"The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see Riad and Idiab v. Belgium, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008)."*

F'sentenza aktar reċenti tal-Qrati tagħna fil-każ fl-ismijiet Brian Vella vs Avukat Generali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Marzu 2018, il-Qorti rribadiet hekk:

*"Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispozizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xi ħadd jittratta lil xi ħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition") u li ma tħallix eccezzjonijiet jew tigbid. Huma dispozizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pozittiva li jaraw b'mod preventiv li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' certa gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skont in-natura tal-prorediment li jkun. Huwa accettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kuncetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mgiba mhux xierqa fuq xi ħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severità li tintuza, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mgiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;*

…

*Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, izda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman, liema trattament "covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering"'*.

F'dan il-kuntest, l-awturi van Dijk u van Hoof[2] jagħmlu analiżi ta' kawża oħra, l-*East African Asians Case* (irrapportata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 1973). Jingħad hekk mill-awturi fil-kuntest ta' dan il-każ:

*"It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission*

[2] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Tielet Edizzjoni) paġna 313

*did not accept the "subjective" definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 "if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people", and argued that - given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature - "an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as "degrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity'"*.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma ġab l-ebda prova li d-dewmien sabiex ġie investigat u deċiż il-każ tiegħu jammonta għal trattament inuman jew degradanti. Sa fejn ir-rikorrent kien qiegħed jiġi investigat u ġie mixli fuq atti ta' ħasil ta' flus ma jistax jingħad illi ġie soġġett għal trattament inuman jew degradanti. Huwa veru li l-każ tiegħu ma missux dam daqshekk sabiex ġie deċiż, u allura lanqas kellu jdum ħdax-il sena jistenna sabiex jiġu rilaxxati l-assi tiegħu imma b'daqshekk ma jfissirx illi ntlaħaq dak il-livell ta' severità meħtieġa sabiex jitqies li r-rikorrent kien soġġett għal trattament inuman jew degradanti.

## **<u>Allegat leżjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

*"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun meħtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor."*

Ir-rikorrent jilmenta li minħabba li dam ħdax-il sena mċaħħad minn flusu jistenna li jiġu fit-tmiemhom il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, huwa ġie mċaħħad mill-opportunita` li jkollu wild naturali flimkien ma martu. Madanakollu, b'żieda mal-fatt illi r-rikorrent ma ġabx prova ta' dan, kif qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Paradiso and Campanelli v Italy, tal-24 ta' Jannar 2017:

> *"The provisions of Article 8 do not guarantee either the right to found a family or the right to adopt (see E.B. v. France [GC], no. 43546/02, § 41, 22 January 2008). The right to respect for "family life" does not safeguard the mere desire to found a family; it presupposes the existence of a family (see Marckx, cited above, § 31), or at the very least the potential relationship between, for example, a child born out of wedlock and his or her natural father (see Nylund v. Finland (dec.), no.27110/95, ECHR 1999-VI), or the relationship that arises from a genuine marriage, even if family life has not yet been fully established (see Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, 28 May 1985, §62, Series A no. 94), or the relationship between a father and his legitimate child even if it proves, years later, to have had no biological basis (see Nazarenko v. Russia, no. 39438/13, § 58, ECHR 2015 (extracts)), or the relationship that arises from a lawful and genuine adoption (see Pini and Others v. Romania, nos. 78028/01 and 78030/01, § 148, ECHR 2004-V (extracts))."*

Isegwi għalhekk li ma hemm l-ebda dritt protett mill-Konvenzjoni Ewropea li wieħed isir ġenitur kif donnu qiegħed jippretendi r-rikorrent.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li ġew interċettati b'mod abbużiv it-telefonati tiegħu. Għal darb'oħra, ir-rikorrent naqas milli jipprova li l-pulizija qatt interċettaw it-telefonati tiegħu u wisq inqas wera li kien hemm xi abbuż. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-interċettazzjoni tal-komunikazzjoni fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali ma tmurx kontra l-ispirtu tal-Konvenzjoni, dment li ssir skont il-liġi u li l-miżura tkun neċessarja f'soċjetà demokratika sabiex jigi

evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti (ara f'dan is-sens Dumitru Popescu v Romania tas-26 ta' April 2007).

Madanakollu, peress illi kif diġà ntqal ir-rikorrent ma kellux smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, dan isarraf f'dewmien fejn ir-rikorrent ġie mċaħħad minn flusu għal żmien twil mingħajr bżonn, u allura lanqas seta' jipprattika l-professjoni tiegħu tramite l-kumpannija li stabbilixxa hawn Malta, b'mod illi ċertament kien hemm indħil fil-ħajja personali tiegħu li ma kinitx ġustifikata u lanqas meħtieġa f'soċjetà demokratika u għalhekk, il-Qorti tqis illi ġie leż ukoll id-dritt tiegħu taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Allegat leżjoni tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż- żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*
>
> *2. Dan l-Artikolu ma għandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiz-zmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-principji generali tal-ligi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati."*

Mingħajr l-ebda dubju, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli għall-każ tal-lum stante li r-rikorrent la ġie misjub ħati ta' att jew ommissjoni, u lanqas ma ngħata xi tip ta' piena stante li ġie meħlus mill-akkużi kollha miġjuba kontrih.

## Allegat leżjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea

L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga ufficjali."*

Fil-każ ta' Iochev v Bulgaria, deċiż fit-2 ta' Frar 2006, intqal hekk:

> *"The Court reiterates that Article 13 of the Convention guarantees the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Conventions rights and freedomgs in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an 'arguble complaint' under the Convenion and to grant appropriate relief, although Contracting Parties are afforded some discretion as to the manner in which they confirm to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless, the remedy required by Article 13 must be 'effective' in practice as well as in law."*

Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u ċioè in vista tal-fatt illi r-rikorrenti kienu diġà istitwew proċeduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li marru deżerti, mhuwiex il-lok li f'dawn il-proċeduri jiġi dikjarat ukoll ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

## Allegat leżjoni tal-artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea

L-artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"Ebda ħaga li hemm f'din il-Konvenzjoni ma għandha tigi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li*

*tidħol f'xi attività jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni."*

Lanqas dan l-artikolu ma huwa applikabbli għal każ tal-lum. Proprju kif jintqal fil-Guide on Article 17 of the European Convention on Human Rights, ippublikat mill-Qorti Ewropea fil-31 ta' Marzu 2019 (l-Ewwel Edizzjoni), fil-konfront tal-Istat:

*"Article 17 has two effects. Firstly, it prevents States Parties from using any of the provisions of the Convention in order to destroy the rights and freedoms safeguarded therein. Secondly, it prevents the States Parties from relying on a Convention provision in order to limit the rights and freedoms which that provision safeguards to a greater extent than is provided for in the Convention (**Birsan v Romania**)."*

Mingħajr dubju, l-ebda xenarju ma jsib applikazzjoni fil-każ tal-lum.

**<u>Allegat leżjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Il-parti rilevanti tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jigi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali."*

Hija ormai ġurisprudenza kostanti li:

*"Under the Court's case-law, Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules (see the James and Others v. the United Kingdom judgment of 21 February 1986, Series*

*A no. 98, pp. 29-30, § 37). The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, must be construed in the light of the general principle laid down in the first rule (see Iatridis v. Greece [GC], no. 31107/96, § 55, ECHR 1999-II) -* **Immobiliare Saffi v Italy**, deċiża fit-28 ta' Lulju 1999."

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Francis Saviour Borg vs Kummissarju ta' l-Artijiet, deċiża fis-27 ta' Ġunju 2014 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, ġie ċitat is-segwenti bran in materja tal-kunċett ta' proprjetà a tenur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni: *'... the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide; .... a range of economic interests fall within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests'*.

Fir-rigward, ġie ritenut fil-każ ta' Trimeg Limited vs Malta, deċiż fis-27 ta' Settembru 2011 in materja illi:-

*"Not only must an interference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State .... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol 1 as a whole. In each case*

*involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden" [Hutten Czapyuska v Poland – para.166 – 19 Gunju 2006]."*

Fil-każ ta' Ian Edgar (Liverpool) Limited v United Kingdom, tal-25 ta' Jannar 2000 intqal hekk:

*"The Court notes that the Commission has in the past held that goodwill may be an element in the valuation of a professional practice, but that future income itself is only a "possession" once it has been earned, or an enforceable claim to it exists (No. 10438/83, Batelaan and Huiges v. the Netherlands, Dec. 3.10.84, D.R. 41, p. 170). The Court considers that the same must apply in the case of a business engaged in commerce. In the present case, the applicant refers to the value of its business based upon the profits generated by the business as "goodwill". The Court considers that the applicant is complaining in substance of loss of future income in addition to loss of goodwill and a diminution in value of the company's assets. It concludes that the element of the complaint which is based upon the diminution in value of the business assessed by reference to future income, and which amounts in effect to a claim for loss of future income, falls outside the scope of Article 1 of Protocol No. 1."*

Fil-każ tal-lum, il-Qorti tqis illi r-rikorrent għandu raġun jilmenta minn ksur tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu minħabba d-dewmien fil-proċeduri kriminali. Din l-interferenza ma kinitx waħda ġustifikata f'soċjetà demokratika u l-Qorti hija għalhekk sodisfatta li kien hemm interferenza inġustifikata fil-pussess paċifiku tad-drittijiet tar-rikorrent bi ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Rimedju**

Ir-rikorrent jikkontendi li minħabba dan id-dewmien sabiex ġie deċiż finalment il-każ tiegħu, huwa tilef mijuni ta' Ewro kif ukoll kellu rovina finanzjarja minħabba l-pubbliċità negattiva li ġab miegħu l-każ. Huwa qiegħed għalhekk jitlob kumpens kemm pekunjarju kif ukoll non-pekunjarju.

Jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultattiv għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi bħala rimedju. Minn naha l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens, dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess civili normali.

Kif proprju ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Gasan Enterprises Limited vs Awtorità tal-Ippjanar, deċiż fit-3 ta' Frar 2009:

> "*Kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur tal-proprjeta in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza.*"

Issa huwa veru li fil-każ tal-lum il-Qorti sabet ukoll li r-rikorrent sofra leżjoni taħt l-artikolu 8 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, madanakollu, u in kwantu li dan il-ksur ġie riskontrat proprju minħabba dewmien fil-proċeduri kriminali, fil-fehma tal-Qorti mhuwiex il-każ li r-rikorrent jingħata xi kumpens pekunjarju.

Fuq kollox, il-Qort tqis illi r-rikorrent naqas milli jġib prova konkreta tat-telf illi jgħid li sofra kemm personalment kif ukoll tramite s-soċjetà rikorrenti u dan in vista tas-segwenti osservazzjonijiet:

- Mill-*profit and loss accounts* jirriżulta li minkejja li fis-sena 2004 il-kumpannija għamlet qligħ, fis-sena 2005 fil-fatt għamlet telf. Li hu żgur hu li minn imkien ma jirriżulta li l-kumpannija kellha *turnover* ta' miljuni ta' Ewro kif jgħid ir-rikorrent;

- Ġew esebiti numru ta' dokumenti bil-lingwa ġermaniża li lanqas biss ġew spjegati;

- Ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova li tilef numru ta' kuntratti għal xogħol;

- L-ispejjeż relatati mal-proċeduri kriminali nfushom bħal ma huma spejjeż legali, spejjeż inkorsi minħabba l-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu minn Margit Ceszkowski u telf ta' *hardware* u oġġetti oħra li ġew konfiskati mill-pulizija m'għandhom x'jaqsmu xejn mad-dewmien sabiex ġie deċiż il-każ tiegħu.

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-cirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma li għandu jiġi likwidat favur ir-rikorrent biss kumpens non-pekunjarju għal-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu fis-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000). Dan il-kumpens għandu jitħallas mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u għaldaqstant, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhuwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent nomine f'dawn il-proċeduri;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent nomine sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li r-rikorrent nomine sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata kif sanċit permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

4. Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara li r-rikorrent nomine sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Tiċħad ir-raba’, ħames, sitt u seba’ talba;

6. Riferibbilment għat-tmien talba, tillikwida kumpens fl-ammont ta’ għaxart elef Ewro (€10,000) li għandu jitħallas mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija lir-rikorrent nomine in linea ta’ kumpens non-pekunjarju għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif intqal.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal kwart mir-rikorrenti u tlett kwarti mill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija b’dan illi r-rikorrenti għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-intimat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

IMHALLEF

DEP/REG